MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 171/2003

**HSBC Bank Malta plc**

**Vs**

**S.C. Hire Services Ltd et**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni tas-socjeta` attrici li bih, wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta` S.C. Hire Services Limited hija debitrici tal-Bank attur fl-ammont ta' mija u tlieta u tletin elf, tliet mija u hdax-il lira u sittax-il centezmu Lm133,311.16,0) dovuti lill-istess Bank in kwantu ghal mija u tnejn u tletin elf, seba' mija u disgha u sittin lira u sebgha u sebghin centezmu (Lm132,769.77c0) ghal bilanc ta' kont kurrent (Overdraft Account No. 075 028159 340) u l-bilanc ta' Lm541.39,0

imghax fuq l-istess ammont sal-5 ta’ Novembru 2001 kif jidher mill-Istatement hawn anness Dok. A, liema facilita’ bankarja giet koncessa bi tliet (3) kuntratti, wiehed tat-18 ta’ Dicembru 1997 fl-atti tan-Nutar Ann Fenech Adami (Dok. B), iehor tas-17 ta’ Gunju 1998 fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon (Dok. C) u l-iehor tal-25 ta’ Awissu 2000 fl-atti tan-Nutar Mary sive Mariella Mizzi (Dok. D);

Illi l-konvenuti Saviour Casha u martu Paola Casha ikkostitwew ruhhom garanti solidali ma’ l-imsemmija kumpanija debitrici principali favur il-Bank attur kif jidher mill-Guarantee Forms hawn annessi bhala dokumenti E u F;

Illi l-konvenuti ghalkemm interpellati ghall-hlas baqghu inadempjenti;

Illi l-kreditu tal-Bank attur fis-somma ta’ Lm133,311.16,0 hu cert, likwidu u esigibbli u sa fejn jaf il-Bank attur, il-konvenuti ma ghandhom l-ebda difisa valida opponibbli f’din il-kawza kontra t-talba tieghu ghal hlas ta’ dik is-somma kif jidher mill-Affidavit ta’ l-Avukat Ivan Sammut, ir-rapprezentant tal-Bank attur, hawn anness Dok. X;

Talbet illi din il-Qorti:

1. taghti s-sentenza u tilqa’ t-talba tal-Bank attur bla ma tghaddi ghas-smigh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12); u

2. hekk tikkundanna minnufih lill-konvenuti solidalment bejniethom, is-socjeta’ konvenuta S.C. Hire Services Limited, debitrici principali u l-konvenuti Saviour u Paola konjugi Casha, garanti solidali, jhallsu lill-istess Bank attur is-somma ta’ Lm133,311.16,0 fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq.

Bl-imghax fuq l-imsemmija somma mis-6 ta’ Novembru 2001 sal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk taz-zewg ittri ufficjali tal-11 ta’ Marzu kontra l-konvenuti li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta’ l-attrici;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------